MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR.
MANDUCA PHILIP**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 145/2002/1

**John Lentini ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Philip Balzan sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Philip Balzan**

**Vs.**

**Raymond Attard**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas Lm279.64 rappresentanti danni kaggunati f'incident ta' traffiku.

Ra li l-konvenut informa t-tribunal li kien ghamel claim mal-Insurance tieghu.

Ra x-xhieda ta' John Lentini u d-dokumenti esebiti minnu.

Ra li l-attur Philip Balzan miet fil-mori tal-kawza u giet esebita statement li ghamel l-istess attur.

Ra li l-konvenut talab l-isfilz tad-dikjarazzjoni ta' Philip Balzan. Ra d-digriet fejn t-Tribunal ordna n-notifika ta' l-istess rikors. Ra li r-rikors ma giex notifikat lis-societa attrici. Illi f'kull kaz it-Tribunal jichad ir-rikors ghal isfilz.

Ra x-xhieda ta' Raymond Attard li qal li kien qed isuq Scammel li qal li l-karozza tal-attur ghamlet manuvra ta' sorpass giet quddiemu u waqfet. Hu imbaghad laqat din il-karozza. Raymond Attard qal li qabel l-habta kien qed ihares il-quddiem u fil-mera biex jara l-haddiema tieghu warajh.

Ikkunsidra li anki jekk wiehed jikkunsidra biss x-xhieda tal-konvenut t-Tribunal ghandu jikkonkludi li l-konvenut kien unikament risponsabbli ghal incident. Il-konvenut kellu d-dover li ihares u jara dak li kien hemm fit-triq. Il-konvenut ghandu d-dover li jiehu hsieb il-haddiema tieghu izda ma jistax juza dan bhala skuza fil-kaz ta' habta. Illi fil-kawza Micallef St. John et vs. Spiteri et (Appell 15/1/2002) intqal li "kien kjament mistenni li s-sewwieq (fuq wara) pjenament in kontroll tal-vettura, jkun il-hin kollu f'posizzjoni li jirrealizza x'attivita; kien qed jigri quddiemu fit-triq biex fejn hemm bzonn tempistivament jevita kull ostakolu".

Id-danni ma gew bl-ebda mod kontestati u jidhru ragjonevoli.

Ghaldaqstant jilqa t-talba attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas s-somma ta' Lm279.64 bl-ispejjes u bl-imghax mill-14 ta' Frar 2002 (data tan-notifika tal-avviz).

**Av. Philip Manduca**
**Gudikant**